**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Ottubru, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 256/2019 AF**

**Avv. Gavin Gulia bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Joseph u Diana Susan konjugi Ellul Grech rispettivament**

**u fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2022, dehru Joseph u Diana Ellul Grech li assumew l-atti tal-kawza f'isimhom**

**vs**

**Andrew Caruana**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti l-Avv. Gavin Gulia bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Joseph u Diana Susan konjugi Ellul Grech li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

B'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-19 ta' April 2016 kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dokument A, r-rikorrenti Joseph Ellul Grech kien inghata kumpens ta' natura kostituzzjonali in vista ta' dan li gej:

> "Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq permessi, din il-Qorti tirriforma u tbiddel is-sentenza appellata billi thassarha in kwantu ma sabitx ksur tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u minflok issib li kien hemm ksur tal-artikoli msemmija peress li fil-proceduri kriminali kontra tieghu l-appellant ma nghatax smiegh xieraq fi zmien ragonevoli u tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidament bejniethom ihallsu lill-attur appellant kumpens fl-ammont ta' elf Ewro (€1000) u tikkonferma s-sentenza appellata mill-bqija."

Il-proceduri kriminali msemmija fis-sentenza tal-Qorti Kriminali precitata huma dawk fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Ellul Grech" mil-liema proceduri kriminali l-istess Joseph Ellul grech kien gie lliberat b'sentenza tal-25 ta' Ottubru 2003, kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok. B.

Il-bazi li fuqha l-Qorti Kostituzzjonali sabet li kien ksur tad-dritt fundamentali ta' Joseph Ellul Grech ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kien is-segwenti:-

"Irrizulta li r-rapport forensiku kien gie konkujuz u redatt sa mill-31 ta' Ottubru 2001 **izda baqa' ma giex ipprezentat qabel il-5 ta' Settembru 2003, kwazi sentejn wara**. Dan wassal sabiex il-proceduri kriminali fil-kumpless taghhom twalu inutilment u irragjonevoli ghal tal-inqas l-istess perjodu …"

L-awtur tar-rapport forensiku kien l-intimat Andrew Caruana, dak iz-zmien ufficjal tal-Korp tal-Pulizija.

Ghal ragunijiet inspjegabbli l-istess intimat Andrew Caruana halla l-proceduri kriminali jittawlu inutilment propju ghaliex ir-rapport kien lestieh hafna zmien qabel u ma kien ebda skuza plawsibbli sabiex ma jipprezentax ir-rapport *in tempo vergine*.

Fil-frattemp ir-rikorrent Joseph Ellul Grech baqa' jsofri danni konsistenti fit-telf tal-impjieg tieghu u l-inabilità tieghu li jsib impieg iehorr minhabba t-telf ta' reputazzjoni, kif ukoll it-telf tad-dar residenzjali tieghu fost telf iehor kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghal dawn id-danni huwa unikament responsabbli l-intimat Andrew Caruana minhabba l-ghemil doluz tieghu u/jew traskuragni u imperizja fil-qadi ta' dmirijietu u kwindi huwa passibbli ghal hlas tad-danni.

Intalbet din ir-raguni sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimat Andrew Caruana huwa responsabbli ghad-danni minhabba l-ghemil doluz tieghu, traskuragni u imperizja fil-qadi ta' dmirijietu ghar-ragunijiet precitati;

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' perit nominand;

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv sal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Frar 2021 il-Qorti ddifferiet il-kawża *sine die*.

Rat illi illi b'digriet tat-30 ta' Ġunju 2021 il-Qorti rriappuntat il-kawża għas-smigħ.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Andrew Caruana, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

In linea preliminari, l-esponenti qieghed jeccepixxi n-nullità tar-rikors promotur *stante* li ma giet prezentata l-ebda prokura li bis-sahha taghha l-Avv. Gavin Gulia inghata s-setgha li jagixxi bhala mandatarju specjali ghan-nom tal-assenti Joseph u Diana Susan konjugi Ellul.

L-esponenti qieghed jikkontendi mir-rikors promotur ma gie indikat l-ebda ness, fejn *si tratta* danni li gie allegatament krejat lis-Sinjura Diana Susan Ellul Grech, u kwindi t-talbiet maghmulha mill-istess ghandhom jkunu michuda.

L-esponenti qieghed jirrespingi kull dritt vantat mir-rikorrenti, kif ukoll qieghed itenni li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.

Minghajr pregudizzju ghal dak indikat qabel, hekk kif ser jigi muri fit-trattazzjoni tal-kawza odjerna, l-esponenti ma kienx l-unika espert forensika mahtur fil-kawza kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati, izda kien mahtur ma' espert forensiku iehor u cioè s-Sur Ivan Formosa.

Hekk kif jista' jigi facilment konstatat mill-atti tal-kawza kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Ellul Grech", kemm l-intimat kif ukoll s-Sur Ivan Formosa (pajzan), kienu gew mahtura sabiex flimkien, kull wiehed bis-sengha tieghu, jaghmlu rapport forensiku.

Mill-istess atti wiehed jista' jinduna li l-intimat kemm il-darba jtenni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati li l-parti tieghu kienet ilha lesta, u kien qieghed jistenna sabiex jikkonkludi l-ezami forensiku, l-parti tas-Sur Ivan Formosa, li kienet tikkonsisti f'li jhallat il-kimika specjalizzata (ninhydrin), sabiex jkunu jistghu jigu ezaminati l-esebiti fil-kawza kriminali suindikata, ghal ezami aktar approfondit tal-impronti digitali.

Kwindi, hekk kif inghad qabel, l-intimat Andrew Caruana ma huwiex il-persuna responsabbli ghal kull dannu li setgha gie rekat lir-rikorrenti.

Ghalhekk l-intimat esponenti ghandu jkun mehlus minn kull responsabbilità u htija, u b'hekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jkunu michuda *in toto*.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2022 dehru Joseph u Diana Ellul Grech li assumew l-atti tal-kawża f'isimhom.

Rat illi fl-istess udjenza l-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża bin-numru 799/1999 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Ellul Grech u dik bin-numru 19/12 fl-ismijiet Joseph Ellul Grech vs Avukat Ġenerali et.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tar-rikorrenti.

Rat illi nonostante l-fakoltà lilu konċessa l-intimat baqa' ma ppreżentax nota ta' sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għad-danni allegatament imġarrba mir-rikorrenti b'rabta ma dewmien fil-proċess kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Ellul Grech. L-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens illi l-intimat li dak iż-żmien kien uffiċjal tal-pulizija u espert forensiku senjatament espert tal-impronti diġitali, dam ma ppreżenta r-relazzjoni teknika tiegħu bil-konsegwenza li l-proċess kriminali twal inutilment.

L-intimat laqa' għat-talbiet attriċi billi ressaq xi eċċezzjonijiet preliminari u oħrajn fil-mertu fejn sostanzjalment eċċepixxa li t-talbiet huma nfondati.

Il-fatti li jemerġu mill-inkartament proċesswali komplet juru illi fis-17 ta' Novembru 1999 ir-rikorrenti Joseph Ellul Grech ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u akkużat fost l-oħrajn illi ħoloq jew ġiegħel li jidher li terza persuna kkommettiet reat ta' falsifikazzjoni ta' diversi dokumenti, xerred kitbiet foloz, immalafama terz kif ukoll talli kellu xi armi fil-pussess tiegħu. Ir-rikorrenti dejjem ċaħad l-involviment tiegħu fl-akkużi.

B'sentenza tas-27 t'Ottubru 2003 il-Qorti tal-Maġistrati lliberatu mill-akkużi prinċipali kif miġjuba fil-konfront tiegħu waqt illi sabitu ħati ta' pussess ta' armi mingħajr liċenzja tal-pulizija u kkundannatu għall-ħlas ta' multa fis-somma ta' Lm50.

Ir-rikorrenti ta' bidu għal proċeduri kostituzzjonali dwar dewmien tal-proċess kriminali fil-konfront tiegħu liema kawża huwa ċeda f'Novembru 2003. Sussegwentement, b'rikors kostituzzjonali datat 23 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet Joseph Ellul Grech vs L-Avukat Ġenerali et huwa lmenta minn leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu ai termini tal-Artikol 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. B'sentenza tat-13 ta' Marzu 2012 il-Qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti u kkundannatu jħallas l-ispejjeż tal-kawża.

Ir-rikorrenti appella u b'sentenza tad-19 t'April 2016 il-Qorti Kostituzzjonali laqgħet l-appell, ħassret u rrevokat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, iddikjarat li r-rikorrenti kien tassew ġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u llikwidat favur tiegħu is-somma ta' €1,000 f'kumpens għal-leżjoni mġarrba.

Diversi huma l-punti li jeħtieġ jiġu trattati f'din is-sentenza. Il-Qorti sejra tibda l-ewwel bl-eċċezzjonijiet preliminari.

*In primis* l-intimat eċċepixxa n-nullità tar-rikors promotur għar-raġuni li ma ġietx esebita in atti kopja tal-prokura favur l-Avukat Dottor Gulia sabiex jirrappreżentahom f'dawn il-proċeduri. Din

l-eċċezzjoni qed tiġi meqjusa sorvolota fil-mument li r-rikorrenti dehru quddiem din il-Qorti u assumew l-atti tal-kawża f'isimhom.

L-intimat eċċepixxa wkoll illi r-rikors promotur ma juri ebda ness bejn it-talbiet kif dedotti u r-rikorrenti Diana Ellul Grech. Jgħid għalhekk illi fil-konfront tagħha t-talbiet għandhom jiġu miċħuda.

Minn qari tal-premessi u t-talbiet jidher ċar li t-talba tar-rikorrenti hija għad-danni allegatament imġarrba minnu u mill-familja tiegħu. Il-Qorti tifhem li huwa għal din ir-raġuni li r-rikorrenti għażel li jinkludi lil martu f'din il-kawża u cioè għal kull interess li din jista' jkollha bħala konjuġi. Għandux raġun ir-rikorrenti fit-teżi u t-talbiet tiegħu hija kwistjoni separata li trid tiġi determinata wara analiżi tal-mertu tal-kawża.

Trattati l-eċċezzjonijiet preliminari jmiss issa li l-Qorti tgħaddi sabiex tittratta l-mertu tal-vertenza.

L-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq il-premessa li l-intimat dam biex issottometta r-relazzjoni tiegħu fl-atti tal-proċess kriminali bil-konsegwenza li l-proċess twal inutilment u għad-dannu tar-rikorrenti u l-familja tiegħu.

Ir-rikorrenti xehed illi fil-kors tal-proċess kriminali fil-konfront tiegħu l-intimat resaq sabiex jixhed diversi drabi. Fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat kien qiegħed kull darba jġib l-iskuża li r-relazzjoni tiegħu ma kienitx għadha lesta għar-raġuni li kellu volum kbir t'ittri x'jeżamina għall-impronti diġitali. Kompla jgħid illi qatt ma tressqet ebda prova dwar kemm ittri kien hemm x'jiġu eżaminati. Żied jgħid illi l-fatt li l-intimat finalment ippreżenta relazzjoni qasira ma jiġġustifikax ix-xogħol kollu li l-intimat kien jgħid illi kellu. Issokta jgħid illi "*The distress, suffering, financial losses and ill health we suffered over the years are impossible to calculate*."

L-intimat xehed illi huwa ma setax jespleta l-inkarigu tiegħu għaliex dan ma kienx jiddependi minnu biss. Kompla jgħid illi huwa kien jeħtieġ kimika partikolari, Ninhydrin, sabiex jagħmel l-analiżi tal-marki tas-swaba liema kimika riedet titħallat minn

Ivan Formosa. Żied jgħid illi huwa attenda diversi drabi l-Qorti sabiex jixhed dwar l-andament tal-inkarigu tiegħu. F'kull seduta informa lill-Maġistrat sedenti bir-raġuni għaliex ma setax jespleta l-inkarigu tiegħu sakemm finalment il-Maġistrat awtorizzah jipproċedi billi jieħu kampjuni sporadiċi u jeżamina dawk il-kampjuni bil-kimika li kellu disponibbli.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-inkartament tal-proċess kriminali li kopja tiegħu ġiet esebita fl-atti ta' din il-kawża. In sinteżi jirriżulta hekk:

- B'digriet tad-19 ta' Jannar 2000 il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja ħatret lil PC 956 Andrew Caruana bħala espert tal-impronti diġitali.

- Mix-xhieda ta' Ivan Formosa jirriżulta li kien ta parir lil Andrew Caruana sabiex jeżamina l-ittri ftit ftit għaliex fl-ammont t'ittri li riedu jiġu eżaminati kienet sejra tintuża kwantità ta' kimika li f'ammonti kbar tirriżulta ħażina għas-saħħa u tista' tikkawża l-kankru (a fol. 461).

- Mix-xhieda ta' Andrew Caruana fis-seduta tal-1 ta' Settembru 2000 jirriżulta li huwa kien għadu m'espletax l-inkarigu tiegħu għaliex "*qabel ma jlesti s-Sur Formosa ma nistax inkompli għax hemm ċerti eżamijiet li jrid jagħmilhom bilfors qabli*". Mistoqsi mill-Qorti jekk eżaminax kull ma ngħata wieġeb illi "*Il-ftit li tani kollu maħdum*." (a fol. 456-457).

- Fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2001 Andrew Caruana xehed "*għandi ninforma lil Qorti li peress li kienet spiċċatilna l-kimika u ordnajniha dan għadni ma espletajtx l-inkarigu mogħti lili*." Kompla jixhed li sakemm waslet il-kimika laħaq għadda ċertu żmien (a fol. 509).

- Fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2001 Andrew Caruana xehed li kien qiegħed jistenna espert ieħor sabiex jesleta l-inkarigu tiegħu qabel ma jkun jista' janalizza d-dokumenti għall-impronti diġitali.

- Mill-verbal tas-seduta tal-20 ta' Diċembru 2001 jirriżulta li "*Deher ukoll PC956 Andrew Caruana bir-relazzjoni tiegħu*." (a fol. 254 tal-proċess kriminali).

- Mill-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2002 jirriżulta li dakinhar xehed PC956 u ħalef ir-relazzjoni tiegħu (a fol. 272 tal-proċess kriminali).

- Mill-verbal tas-seduta tat-28 ta' Mejju 2002 jirriżulta illi: "*Id-difensur tal-imputat talab differiment biex iħejji d-difiża tiegħu u talab żmien raġionevoli*." Il-kawża ġiet għalhekk differita għad-9 ta' Lulju 2002.

- Mill-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2002 jirriżulta li: "*Meta ssejħet il-kawża deher l-imputat assistit minn Dr Gavin Gulia.*
    - *Deher l-Uffiċjal Prosekutur.*
    - *Talab lil Qorti tħalli l-kawża għat-trattazzjoni u tagħtih żmien adekwat sabiex iħejji d-difiża tiegħu*."
    - Il-kawża ġiet differita għall-24 ta' Settembru 2002.

- Fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2002 ġie rreġistrat illi: "*L-imputat jitlob differiment mhux oppost mill-prosekuzzjoni.*
  *Kawża differita għall-<u>aħħar</u> darba provi difiża u trattazzjoni*."
    - Il-kawża ġiet differita għall-31 t'Ottubru 2002.

- Mill-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju 2003 jirriżulta li: "*Dr Gavin Gulia nforma lil Qorti li din il-kawża tista' titħalla għas-sentenza*." Huwa talab żmien sabiex jagħmel nota ta' sottomissjonijiet u l-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għat-2 t'Ottubru 2003 bil-fakoltà li l-partijiet jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet finali.

- Il-Qorti tat is-sentenza tagħha fis-27 t'Ottubru 2003.

Il-Qorti traċċjat dawn il-passaġġi speċifiċi mill-proċess kriminali fil-konfront tar-rikorrenti għaliex jidher evidenti li l-fatti kif realment avveraw huwa bil-ferm differenti minn dawk kif

rakkontati mir-rikorrenti.  Anki jekk ir-rikorrenti għex il-proċess kriminali *in prima persona*, donnu ma kienx a konoxxenza tar-raġuni għaliex il-proċess kriminali twal.  Żgur però li għad li l-proċess ħa ftit snin sabiex wasal fi tmiemu, jibqa' l-fatt li kif riportat hawn fuq dan id-dewmien żgur li ma kienx attribwibbli lill-intimat.  Abbażi ta' dak hawn fuq riportat jidher ċar illi l-intimat ma setax jespleta l-inkarigu tiegħu għal raġunijet li jmorru lil hinn mill-kontroll tiegħu.  Fl-ewwel lok, il-kimika li ried juża fl-analiżi tal-impronti diġitali kienet perikoluża ferm u allura ma setax ikun espost għaliha għal ħinijiet twal.  L-espletazzjoni tal-inkarigu tiegħu kienet tiddependi fuq ħaddieħor li qablu ried janalizza l-ittri għas-saliva u wara jgħaddi l-ittri lill-intimat għall-eżami tal-marki tas-swaba.  Ġara wkoll li l-intimat ma kellux biżżejjed kimika li ried juża fil-proċess tal-analiżi tiegħu tant li l-Maġistrat inkwirenti awtroizzah jieħu biss kampjuni tal-ittri u jeżamina lilhom bil-kimika li kellu disponibbli.

Mhuwiex korrett ir-rikorrenti meta jtenni u jisħaq li l-intimat lesta r-relazzjoni tiegħu fil-31 t'Ottubru 2001 u ppreżentaha fl-atti fil-5 ta' Settembru 2003.  Kuntrarjament għal dak imtenni mir-rikorrenti, għad li huwa minnu li r-relazzjoni tal-intimat tirriżulta datata 31 t'Ottrubu 2001, jirriżulta wkoll li din ġiet ippreżentata in atti fl-20 ta' Diċembru 2001 u cioè inqas minn xahrejn wara li ġiet redatta waqt illi ġiet ikkonfermata bil-ġurament tal-istess espert u cioè l-intimat fil-5 ta' Frar 2002.  Dan ifisser li r-rikorrenti mhuwiex korrett fl-esposizzjoni tal-fatti li ressaq quddiem din il-Qorti.

Traċċjati l-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum, il-Qorti ssib illi t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex mistħoqqa għaliex dak minnu allegat ma ġiex ippruvat, anzi, rriżulta li l-fatti huma ben diversi minn dawk indikati minnu.  Tqis illi l-intimat ma jistax jinżamm responsabbli għad-dewmien fil-proċess kriminali anki għaliex kif fuq ingħad kien hemm diversi fatturi li xekkluh fit-tlestija tal-kompitu fdat lilu.  Jirriżulta però li malli kien f'posizzjoni li jespleta l-inkarigu tiegħu l-intimat għamel dan fl-anqas żmien possibbli.

La darba l-Qorti mhijiex issib xi ħtija fl-intimat għall-aġir tiegħu, il-Qorti ssib illi r-rikorrenti ma ġarrab mingħandu ebda danni

skont kif minnu lamentat.  Fid-dawl ta’ dan il-Qorti sejra tgħaddi minnufih sabiex tiċħad it-talbiet *in toto*.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat.

2. Tilqa’ l-bqija tal-eċċezzjonijiet.

3. Tiċħad it-talbiet kollha.

4. Tordna lir-rikorrenti jħallas l-ispejjeż kollha ta’ din il-kawża.

IMHALLEF

DEP/REG